TAL-PIETA`

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 22

L-Erbgha, 8 ta' April, 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo u l-Kunsillieri, Colin Bowman, Ryan Douglas Tanti, Josef Fitzpatrick u Charles Grech.

Il-Vici Sindku Saviour Azzopardi informa li kien imsiefer filwaqt li l-Kunsillier Mark Pisani informa li kien xoghol u ghalhekk gew skużati.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 21 li saret nhar l-Erbgha, 4 ta' Marzu, 2026, kienu approvati.

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Il-Vici Sindku Saviour Azzopardi informa li kien imsiefer filwaqt li l-Kunsillier Mark Pisani informa li kien xoghol u ghalhekk gew skużati.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

3.1 ***Towing ta' karozzi abbandunati***. Is-Sindku informa li r-Regjun kien hareg linji gwida sabiex il-Kunsilli Lokali jimxu maghhom. Ir-Regjun ha hsieb ukoll jipprintja l-istickers li jridu jitwahhlu mal-karozzi u li dawn iridu jitwahhlu mill-Kunsill. Fil-kaz ta' Tal-Pieta`, dawn ser jitwahhlu mill-Community Police.

4 PEDESTRIAN BRIDGE MSIDA CREEK PROJECT

4.1 Is-Sindku qal li ghada ser ikun hemm laqgha ma' Infrastructure Malta dwar il-pedestrian bridge u stieden lil kull min jixtieq ikun preżenti. Is-Sindku qal li hu kien talab din il-laqgha wara li resident infurmah li kienu hargu l-pjanti tal-bridge ghall-approvazzjoni tal-Planning Authority u li sadanittant il-Kunsill ma kien infurmat b'xejn. Fis-6 t'April, dan gie approvat taht "Minor Amendment" mill-Awtorita` tal- Ippjanar.

Huwa qal li r-residenti huma frustrati u rrabjati b'din il-proposta tal-bridge minhabba diversi thassib li ghandhom dwaru. Wara diskussjoni, il-Kunsill unanimament ma qabilx mal-istruttura tal-bridge kif proposta iżda ghandha tinstab alternattiva ohra li ma' tohloqx dawn il-concerns kollha li diġà tressqu lill-Infrastructure Malta. Il-Kunsill ser ikun qed iressaq proposta ta' semi underpass.

5 KORRISPONDENZA

5.1 ***Trinka Enemalta:*** Il-Kunsill gie infurmat li ser issir trinka mill-Enemalta minn hdejn il-Lifelong Learning fi Triq Qrejten u tghaddi minn Triq Guze Ellul kollha. Ser ikun hemm laqgha dwar dan ix-xoghol fil-granet li gejjin.

5.2 ***PA 01577/26:*** Il-Kunsill gie infurmat mill-Perit Edward Said dwar permess PA 01577/26 dwar żvilupp fi Triq K.Mifsud hdejn il-Kunsill. Il-Kunsill qabel mal-proposti tal-Perit Said fosthom li tiġi miżmuma l-faccata minhabba l-karatteristic li fiha u ghalhekk joġġezzjona ghal dan l-izvilupp kif propost.

5.3 ***Prize day tal-Iskola Primarja:*** Kien hemm qbil unanimu li waqt il-prize day tal-iskola, il-Kunsill jaghti ktieb lil kull student tal-kinder 1 bhala *welcome* gol-iskola, kif ukoll lil kull student tas-Sitt sena bhal rikonoxximent ghaz-zmien li ghamlu fl-iskola.

5.4 ***Proposta ghal Triq Blackley k/m Triq Gwardamanga:*** Il-Kunsill irċieva proposta mill-proprjetarji tal-bini li hemm f'din il-kantuniera. Qed jiġi ssugerit, kif jidher fl-istampi preżentati, li jsiru konki ghal siġar u pjanti fil-footprint tal-bankina eżistenti. Il-maintenance ta' dan ser isir minnhom stess. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

6.1 **Skema Lokalitajiet Aktar Nodfa**: Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ikun qed iressaq din l-applikazzjoni flimkien mar-Regjun. Il-Kunsill jista' jiehu sa massimu ta' €1,500 minn din l-iskema. Qed jiġi propost li ssir l-underwater clean up, il-land clean up u l-bqija jinxtraw doggy bins u bins normali. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

6.2 **Progett MDIA**: Is-Sindku informa li l-Kunsill inghaqad mal-Kunsilli Lokali ta' Msida, Birkirkara u Sliema f'applikazzjoni ghal proġett dwar sistema ta' AI fuq traffiku, skart etc. F'kaz li l-applikazzjoni tintlaqa', il-Kunsilli jiehdu madwar €90,000 ghall-implimentazzjoni ta' dan il-progett.

6.3 **Minn Pjazza Ghal Pjazza**: Is-Sindku qal li l-din l-attivita` hija kkonfermata ghat-2 ta' Mejju fi Pjazza San Luqa.

7 MISTOQSIJIET

7.1 Il-Kunsillier Bowman staqsa jekk jistax isir xi haġa dwar hajt li qed jaqa' quddiem il-bandli. Is-Sindku wieġeb li dan huwa hajt tal-Lands u l-Kunsill kiteb lill-istess Lands f'Ottubru tat-2024. Kienu nfurmati b'dan l-OHSA u sar rapport mal-Pulizija wkoll.

7.2 Il-Kunsillier Grech staqsa dwar il-parking bays ta' Triq ix-Xatt li huma riservati ghal Cancer Research Unit. Is-Sindku fakkar li dawn diġà gew approvati minn TM u l-Kunsill kien tkellem biex l-ammont mitlub oriġinarjament jonqos ghan-numru li hemm illum. Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll li l-Kunsill huwa infurmat li dawn huma temporanji.

7.3 Il-Kunsillier Grech qal li hemm il-htiega ta' refreshing tas-sinjali tat-traffiku fi Triq ix-Xatt. Is-Sindku wieġeb li dawn diġà saru milux u li s-sinjali ta' Triq ix-Xatt huma responsabbiltà ta' TM u IM.

7.4 Il-Kunsillier Grech semma wkoll il-problema ta' traffiku li qed tinholoq fi Triq Patri Vincenz Portelli minhabba li issa qeghdin jghaddu hafna karozzi minnha u bil-parking hija ftit dejqa biex il-karozzi jghaddu two way.

7.5 Il-Kunsillier Grech staqsa ghalfejn hdejn il-Kappella tad-Duluri, fejn inqala` l-paviment, sar konkos. Is-Sindku wieġeb li ser tinġibed l-attenzjoni ta' IM dwar dan.

7.6 Il-Kunsillier Douglas Tanti qal li hu qed imexxi gym u jixtieq jaghmel skema biex ir-residenti ta' Tal-Pieta` ikollhom prezz ridott ghal membership. Kien hemm qbil li din tiġi diskussa aktar 'il quddiem.

8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

8.1 Is-Sindku ssekondat mill-Kunsillier Josef Fitzpatrick, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 21. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

9. TMIEM

9.1 Fis-6.30pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 6 ta' Mejju, 2026, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

Konfermati:

Stefano Savo
Sindku